**19 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Bonnici

**Appell — Eżekuzzjoni tas-Sentenza Appellata.**

*Il-fatt li l-imputat, li ġie kundannat iħallas multa mill-Qorti tal-Maġistrati, iħallas dik il-multa li ġiet lilu nflitta minn dik il-Qorti, ma hux ta' ostakolu għall-appell li tagħmel il-Prosekuzzjoni mis-sentenza li kkundannat lill-imputat għall-ħlas ta' dik il-multa. L-att tal-imputat, li ħallas il-multa, ma jistgħax jippreġudika l-Prosekuzzjoni; u l-att tar-riċezzjoni tal-multa hu att amministrattiv, li ugwalment ma hux ta' ostakolu għall-appell tal-Prosekuzzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra ċ-ċitat Anthony Bonnici, talli f'Ħaż-Żebbuġ, fid-29 ta' Lulju 1960, għal xi t-8 p.m., ħadem u spara bombi tal-karta minn ġewwa għalqa f'Long Street, Żebbuġ, mingħajr liċenza tal-Pulizija; barra minn dan, spara l-istess b'perikolu għan-nies;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1960, li biha sabitu ħati u kkundannatu £5 multa;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella dwar il-piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Bi żvista evidenti, il-Maġistrat applika l-piena kif kienet qabel l-emenda tal-Att No. XXVII tal-1955. L-appell, għalhekk, hu fondat;

Il-Qorti tirripeti r-rakkomandazzjoni magħmula fis-

sentenza App. Krim. "Pul. vs. Grech" tat-22 ta' Ottubru 1960;

Dwar l-eċċezzjoni tad-difiża fis-sens li l-appell hu ostakolat bil-fatt li l-appellant ħallas il-multa, din mhix fondata; għaliex l-att tiegħu ta' ħlas ma jistgħax jippreġudika l-Prosekuzzjoni; u l-att ta' riċezzjoni tal-multa hu att amministrattiv, li ugwalment ma hux ta' ostakolu għall-appell;

Għalhekk, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Attorney General, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-piena għandha tkun dik tal-multa ta' £25, titħallas żmien xahar mil-lum.